MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 202/2012

**Mobisle Communications Limited
C-24655**

**vs**

**Cassar Ozbert – ID36378-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jaghti lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija erbgha u sebghin Ewro u erbgha u sittin centezmi (€874.64c) in konnessjoni ma' *99296298 (AC50857933)*, liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 4 ta' Dicembru 2008.

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali *384/12*.

Ra d-dokumenti mehmuza mal-Avviz tat-Talba, u cioe' Dok. A sa Dok. E.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija erbgha u sebghin Ewro u erbgha u sittin centezmu (€874.64c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------